MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Numru. 159/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**CHRISTIAN ZARB**

**(ID: 569585M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **CHRISTIAN ZARB** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 569585(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fit-3 ta' Awwissu 2012 ghal habta tat-tmienja u ghaxra ta' filghodu (08:10hrs) waqt li kien fi Triq Sant'Andrija, Swieqi:

1. Hebb kontra Rita Carmen Bonavia u kkagunalha offiza ta' natura gravi, skond ma' ccertifika Dr. Rose Marie Spiteri MD mill-Paola Health Centre;
2. U aktar talli ngurja u hedded lil Rita Carmen Bonavia bil-kliem;
3. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied.
4. Qal fil-pubbliku xi kliem oxxen u indicenti.
5. Hebb kontra Rita Carmen Bonavia sabiex jingurja, jdejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor.

Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Carmen Bezzina sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika, biex flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom affidavit ta' Dr Rose Mary Spiteri a fol 4, rapport ta' Mr Thomas Azzopardi a fol 18 et seq, kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta' Marzu, 2014 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja a fol 25, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat a fol 35 u fedina penali tal-imputat a fol 36.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

**Rita Carmen Bonavia** xehdet fit-22 ta' Lulju 2014 fejn iddikjarat illi hija kienet qed issuq karozza tal-linja ta' ex Arriva fid-direzzjoni ta' Pembroke Park and Ride u waqfet fil-*bus stop* li jisimha Swieqi u nizzlet il-passiggieri u ghalhekk giet wahedha fit-triq. Hija spjegat illi effettivament l-imputat li qed taghraf prezenti fl-awla gie quddiem il-*bus* taghha u pparkja quddiemha biex b'hekk ma setghatx issuq aktar. Huwa nizel mill-karozza tieghu, gie hdejn it-tieqa tal-*bus* u akkuzaha li kienet qalghatu darbtejn. Ix-xhud staqsietu jekk il-*bus* li kienet riekba hi ghamlitx xi hsara fuq il-vettura tieghu u huwa dahhal idu got-tieqa u taha daqqa fi spalltu. Hija qaltlu biex ma jergax imissha pero' rega' qabadha u ghalhekk ghalqet tigri t-tieqa. L-imputat beda jghajjat u jwerzaq u jsabbat mat-tieqa, gie fid-dawra tal-*bus* kompla jghajjat, gie hdejn il-bieb u beda jsabbat mal-bieb. Hija spjegat li fil-*bus* hemm *panic button*. Dak il-hin l-imputat neza l-qalziet u beda jghidilha li dak ghandha bzonn hi, beda jidhaq u telaq 'l hemm.

Ix-xhud spjegat li l-vann tal-imputat kien *refrigeration truck* bin-numru ta' registrazzjoni JAA-038. Sussegwentament hija marret ghand it-tabib minhabba d-daqqa li kienet qalghet u sahansitra kien taha r-rapport li jinsab esebit fl-atti a fol 18. Mistoqsija kif qalghet id-daqqa wiegbet illi l-imputat kien dahhal idejh got-tieqa u taha daqqa ta' ponn fi spallitha n-naha tal-lemin.

**PS 1128 Glenn Sammut** xehed fit-22 ta’ Lulju, 2014 fejn jiftakar li fit-3 ta’ Awwissu 2012 ghal habta tat-tmienja u kwart ta’ filghodu (8:15hrs) kienet marret l-Ghassa Rita Bonavia u ghamlet rapport illi waqt li kienet ghaddejja bix-xarabank taghha gewwa Pembroke hija kienet fuq l-Arriva, waqfet fuq Swieqi stage u minnufih giet imwaqqfa minn vann bin-numru tar-registrazzjoni JAA-038. Ix-xufier hareg minn dan il-vann u mar hdejn it-tieqa tax-xufier tal-Arriva taghha fejn kienet qed issuq hi. Dak il-hin hija staqsietu jekk kellux bzonn xi haga u dak il-hin qalilha li kienet qalaghtu darbtejn minn isfel.

Dak il-hin hija qaltlu li l-*indicators* dejjem xeghlithom. F’daqqa wahda x-xufier qabad u taha daqqa ta’ ponn fuq idha. Rita dak il-hin qaltlu biex ma jergghax imissha pero’ qalet li dak il-hinipprova jerga’ jaqbadha u ghalhekk ghalqet tigri t-tieqa u huwa pprova jiftah. Wara qalet li kien dar lejn il-bieb maghluq tal-bus u beda jghajjarha u qaltlu wkoll li huwa dahhal idu fil-qalziet, mess il-parti tieghu u qalilha li hekk trid hi.

Ix-xhud esebixxa l-okkorrenza relattiva li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument PS u qal li effettivament ir-rapport gie mdahhal fit-tmienja u nofs ta’ filghaxija (20:30hrs) ta’ dakinhar stess.

**PS 340 Leeroy Balzan** xehed fis-6 ta’ Novembru 2014 fejn iddikjara li huwa kien mar sabiex jesegwixxi l-mandat fil-konfront tal-Professur Thomas Azzopardi. L-ewwel marru l-isptar Mater Dei u qalulhom li ma kienx qieghed hemmhekk. Sussegwentement ghamlu kuntatt mieghu fuq it-

telefown u qalilhom li bhal jum il-Hamis ikollu l-operazzjonijiet. Qallu wkoll li kellem il-Legal Office taghhom Mater Dei. Il-Professur Azzopardi nfurmah li huwa ma joperax biss jum it-Tlieta u l-Gimgha.

**Mr Thomas Azzopardi** xehed fit-28 ta’ Novembru, 2014 fejn iddikjara li huwa kien ezamina lil Rita Bonavia gewwa l-klinika privata tieghu. Fil-fatt huwa gharaf dokument esebit fl-atti li huwa d-*disability report* mahrug minnu li jinsab inserit fl-atti a fol 18 et sequitur tal-Process. Huwa kkonkluda li wara li ezamina lill-istess Mrs Bonavia sab li effettivament hija ghandha erba' (4) percentwali ta' disabilita'. Fil-fatt kien gie nkarigat minnha personalment. Huwa jiftakar effettivament li kien ezaminaha f'okkazjoni wahda biss. Mistoqsi mill-Qorti jekk huwa kienx ra l-Medical History File taghha nkluz ir-*radiographs* wiegeb li iva effettivament kien rahom.

Rat il-verbal tat-28 ta’ Novembru 2014 fejn l-imputat ikkontesta d-dizabilita’ ddikjara minn Mr Thomas Azzopardi. Konsegwentament il-Qorti nnominat lil Mr Alec Sultana sabiex jezamina lil Rita Bonavia u jistabilixxi jekk hix tbaghti minn dizabilita’ permanenti.

Rat ir-rapport ta’ Mr Alec Sultana li gie pprezentat permezz ta’ nota ta’ Dr Brigitte Gafa’ nhar is-7 ta’ Jannar 2015 fejn wasal ghas-segwenti konkluzjoni:

*"In view of all these considerations, I am of the opinion that this lady has sustained an 8% (eight per cent) permanent disability as a result of the direct blow to the shoulder sustained on the 3rd August 2012."*

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' April 2015 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha u dan fil-presenza ta' l-Avukat Difensur tieghu Dr Mark Vassallo.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' April 2015 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk ried, seta' rega' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tas-sittax (16) ta' April 2015.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li kienet wahda nadifa sakemm sehhew l-akkuzi odjerni u llum-il gurnata ghandu biss akkuza wahda registrat fuqha dwar hsara volontarja u serq fejn inghata Probation ghal perjodu ta' tliet (3) snin.

Il-Qorti rat illi l-imputat m'huwiex ricediv u sabiex izzommu l-boghod mill-hajja kriminali thoss li ghandha tapplika piena karcerarja sospiza u dan sabiex isservi ta' deterrent fuqu bil-ghan li zzommu fit-triq it-tajba.

**Ghaldaqstant il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 221(1), 338(bb)(dd) u 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li qed issib lill-imputat CHRISTIAN ZARB hati tal-akkuzi kollha u tikkundannah piena ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur sospizi ghal sentejn (2) ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan qieghda tobbliga lill-imputat sabiex ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jheddidx lil Rita Carmen Bonavia ghal perjodu ta' sena (1) mil-lum taht penali ta' elf ewro (€1,000) fin-nuqqas ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------